## QORTI  CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-27 ta' April 2001**

**Citazzjoni Numru 771/93 GC**

**Emanuel Morguello ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Maba Limited**

**vs**

**Mario Saliba u Anthony Magro**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm2846.32) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' irham u merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur nomine lill-konvenuti skond kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dokument A, liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi fil-fehma tal-attur nomine il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba attrici;

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal- Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm2846.32 rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' irham u merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur nomine lill-konvenuti;

Bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Jannar 1993 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 1993 u tal-mandat ta' qbid prezentat fl-24 ta' Mejju 1993 u tal-mandat ta' qbid prezentat fl-24 ta' Mejju 1993 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Saliba fejn gie eccepit :-

1. Fl-ewwel lok, illi n-notifika tac-citazzjoni fir-rigward tal-eccipjent saret hazin, billi l-eccipjent la joqghod u anqas jahdem fl-indirizz li fih gie servit l-att tac-citazzjoni;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ghandu eccezzjonjiet x'jaghti ghat-talba attrici, u kwindi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a terminu tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjent personalment m'ghadux jigi ritenut responsabbli ghall-hlas tal-ammont reklamat mill-attur nomine fic-citazzjoni, ghal-liema ammont ghandu jigi meqjus responsabbli l-konvenut l-iehor, billi kien dan illi rceva l-konsenja ta' rham in kwistjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Mario Saliba debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Anthony Magro fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kull ammont li jista' jkun dovut lil terzi in konnessjoni man-negozju li kellhom il-konvenuti bejniethom, inkluz dak allegatament dovut lill-attur noe, ghandu jithallas mill-konvenut l-iehor Mario Saliba skond skrittura bejn l-istess eccipjenti u l-konvenut l-iehor Mario Saliba tat-18 ta' Novembru 1992 u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Anthony Magro debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Anthony Magro;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Mario Saliba;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 1999;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm2846.32) bilanc ta' somma akbar prezz ta' irham u merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti;

Il-konvenut Mario Saliba qed jeccepixxi li l-konvenut l-iehor Anthony Magro ghandu jitqies responsabbli li jhallas is-somma reklamata u dan billi kien l-istess konvenut Magro li rceva l-irham in kwistjoni. Da parti tieghu l-imsemmi konvenut Anthony Magro eccepixxa li kull ammont li jista' jkun dovut lil terzi, inkluz l-ammont pretiz mis-socjeta attrici, in konnessjoni man-negozju li kellhom bejniethom il-konvenuti ghandu jithallas mill-konvenut Mario Saliba u dan skond skrittura ffirmata miz-zewg konvenuti tat-18 ta' Novembru 1992;

Fl-ewwel lok ghandu jigi stabbilit jekk l-ammont reklamat mis-socjeta attrici hux dovut jew le. L-imsemmija noti ta' eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti jidhru li jindikaw li in effett l-istess konvenuti mhux qed jikkontestaw il-fatt li l-ammont li qed titlob is-socjeta attrici hu in effett dovut. Jidher li kull konvenut qed jippretendi li hu l-konvenut l-iehor li ghandu jhallas l-istess ammont lis-socjeta attrici;

Mill-provi jirrizulta li z-zewg konvenuti kellhom negozju flimkien u jirrizulta ukoll li huma kienu xtraw, in konnessjoni mal-istess negozju, xi irham u xi granit minnghand is-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li f'hin minnhom iz-zewg konvenuti nfirdu, fis-sens li ma komplewx jinnegozjaw flimkien. Il-konvenut Anthony Magro, fl-kors tad-deposizzjoni tieghu, ammetta li meta hu u l-konvenut l-iehor illikwidaw in-negozju ta' bejnithom kien hemm circa l-ammont reklamat mis-socjeta attrici f'din il-kawza li kien ghadu dovut lill-istess socjeta attrici. Fil-kors tal-gbir tal-provi l-konvenut l-iehor, Mario Saliba, ttanta jqajjem xi dubji dwar jekk l-ammont mitlub mis-socjeta attrici kienx effettivament dovut. Difatti huwa jghid li ma kienx irrizultalu li fil-bitha tan-negozju, li kellu mal-konvenut l-iehor, kien hemm l-irham jew il-granit li tieghu s-socjeta attrici qed titlob il-hlas u dana peress li s-socjeta attrici kienet hadet l-irham kollu li kien hemm fl-istess bitha. L-istess knvenut Saliba pero' jghid li fl-imsemmi negozju kien jiehu hsieb kollox il-konvenut Anthony Magro. Huwa jghid ukoll li minn ghalih li bhala negozju kellhom jghatu xi haga lis-socjeta attrici u li ma jafx jekk kienux uzaw xi parti mill-ahhar konsenji ta irham jew granit mghamula mis-socjeta attrici;

Jidher ghalhekk li l-konvenut Saliba ma eskludix li kien dovut xi ammont lis-socjeta attrici u lanqas ma eskluda li kien intuza parti mill-materjal fornit mis-socjeta attrici u li dan il-materjal ma giex imhallas. F'dawn ic-cirkostanzi ghandu jigi ritenut li jirrizulta li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici hu effettivament dovut. Barra minn hekk ir-rappresentant tas-socjeta attrici kkonferma li l-ammont hu dovut u inoltre gew esibiti xi dokumenti li jindikaw dan. L-istess rappresentant tas-socjeta attrici kknferma ukoll li xi irham jew granit kien ittiehed lura mis-socjeta attrici mill-pussess tal-konvenuti pero' kien ghad fadal li jithallas l-ammont mitlub;

La darba jirrizulta li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici hu effettivament dovut, ghandu jigi stabbilit minn ghandu jigi ritenut responsabbli biex jghamel il-hlas relattiv lis-socjeta attrici. Jirrizulta li l-materjal in kwestjoni gie konsenjat meta z-zewg konvenuti kienu ghadhom jinnegozjaw flimkien. Ghalhekk jidher li dan l-ammont hu dovut miz-zewg konvenuti in solidum bejnithom. Il-konvenut Magro, pero', qed jippretendi li hu u l-konvenut l-iehor, meta llikwidaw, ftehemu li minn kien ser izomm in-negozju kien ser ikun responsabbli li jhallas dan l-ammont dovut lis-socjeta attrici. Difatti jirrizulta li kien il-konvenut Saliba li kompla ma terzi dan in-negozju. L-istess konvenut Magro jghid li s-socjeta attrici kienet taf b'dan u inoltre jghid li l-istess socjeta attrici dan accettatu;

Il-konvenut l-iehor Saliba dwar dan l-allegat ftehim bejn iz-zewg konvenuti u s-socjeta attrici ma jghid xejn.  Gew esibiti zewg skritturi li gew iffirmati miz-zewg konvenuti meta saret il-likwidazzjoni tan-negozju li kellhom bejnithom iz-zewg konvenuti. Jidher li dawn iz-zewg skritturi ma jsemmu xejn dwar l-ammonti li setghu kienu dovuti lis-socjeta attrici. Fil-konfront tas-socjeta attrici, pero', dawn l-iskritturi huma "res inter alios acta" u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz l-istess skritturi ma jistghux jeffettwa d-drittijiet tas-socjeta attrici. Ghar-rigward tal-imsemmi ftehim li qed jigi allegat li sar mill-konvenut Magro, ghandu jirrizulta b'mod specifiku li s-socjeta' attrici accettat li l-hlas kellu jsir mhux miz-zewg konvenuti flimkien izda biss minn wiehed minnhom;

Ir-rappresentant tas-socjeta attrici f'dan ir-rigward semma okkazzjoni, f'Novembru 1992, fejn fil-presenza tal-konvenut Magro, il-konvenut l-iehor Saliba kien kkonferma li hu flimkien ma terzi kien ser ikompli n-negozju u li hu kien ser ihallas l-ammont in kwestjoni. L-istess rappresentant tas-socjeta attrici fl-ebda hin ma qal li kien gie accettat minn naha tas-socjeta attrici li l-hlas kellu jsir biss minn wiehed mill-konvenuti u mhux mit-tnejn flimkien. Ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta li s-socjeta attrici accettat b'mod specifiku li wiehed biss mill-konvenuti kellu jkun responsabbli ghal-hlas in kwestjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghandhom jigu akkolti fil-konfront taz-zewg konvenuti li ghandhom jigu rtienuti t-tnejn responsabbli li jhallsu, in solidum bejnithom, lis-socjeta attrici l-ammont mitlub;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu, in solidum bejnithom, lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u sitta u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm2846.32) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' irham u merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti u dana bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Jannar 1993;

Spejjez kollha kontra il-konvenuti in solidum bejnithom.